# Il-Ħadd 23.08.2020

1. Illum 23/08:
   - Fl-10:30am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.
2. Minkejja li din il-ġimgħa mhux ser ikollna ċ-ċelebrazzjonijiet tas-soltu marbuta mal-festa tal-parroċċa tagħna f'ġieħ San Pawl minħabba ċ-ċirkustanzi li ninsabu fihom, xorta inħeġġeġ biex min jista' jattendi l-quddies, u waqt li flimkien nitolbu l-interċessjoni ta' San Pawl, infittxu li nimitawh aktar. Araw il-Fuljett speċjali li qed jitqassam lilkom, u li qiegħed ukoll fuq il-facebook u l-website:- https://parroccasafi.wordpress.com/pubblikazzjonijiet/il-fuljett-tal-festa/
3. It-Tlieta 25/08:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa li noffruha b'suffraġju għal dawk li mietu fi żmien ir-Restrizzjonijiet tal-Covid-19 u li saret id-difna bla Quddiesa: Catherine Zammit, Klement Busuttil, Joseph Gatt, Jacqueline Mary Cachia, Gregory (k/a Gori) Farrugia, Joseph Gerald Azzopardi, Karmenu Damato.
4. L-Erbgħa 26/08:
   - Fis-6:30pm - Quddiesa fiċ-Ċimiterju biex niftakru f'ħutna mejtin, speċjalment fl-Ommijiet u l-Missirijiet Mejtin. *(Ma ssirx quddiesa fil-knisja parrokkjali).*
5. Il-Ġimgħa 28/08:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fil-5:30pm - Qrar; u Fis-6:30pm - Quddiesa.
6. Il-Sibt 29/08:
   - Fil-5:00pm - Qrar.
   - Fis-6:30pm - Quddiesa immexxija minn Dun Tony Pace, Saċerdot Novell mill-Parroċċa tagħna stess.
7. Il-Ħadd 30/08 - **JUM IL-FESTA**
   - Fis-6:45am - Quddiesa ċċelebrata minn Dun Ivan Scicluna.
   - Fid-9:00am - Quddiesa ċċelebrata minn Dun Tony Pace.
   - F'12:00pm - *Tagħlaq il-knisja u terġa' tiftaħ fis-6:00pm.*
   - Fis-7:00pm - Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mill-Kappillan Kan. David Farrugia **fil-Knisja Parrokkjali, *mhux kif kien avżat il-ġimgħa li għaddiet***. Jinseġ il-Paniġierku r-Rev. Dun Jonathan Debattista, saċerdot novell mill-Parroċċa tal-B.V.M. Annunzjata, Ħal Tarxien. Fi tmiem il-quddiesa, tintalab il-kurunella, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Iċ-ċelebrazzjoni tagħlaq bl-Innu ta' S. Pawl.
8. Avviżi oħra:
   - B'risq il-manutenzjoni tal-knisja, ser inkunu qed inbiegħu biljetti ta' Lotterija li min jitla' jista' jirbaħ inkwadru li juri l-istatwa ta' San Pawl.
   - Infakkarkom fil-***bukkett li ma jinxifx***, jiġifieri li jkollna persuni li jagħtu offerta li mhux biss issebbaħ imma li tibqa' titgawda wkoll; din is-sena, dan il-bukkett ser imur b'risq id-dawl tan-niċeċ ta' San Pawl u d-Duluri, it-tiswija tal-lanterna tal-knisja - minn ġewwa u minn barra, is-saqaf tal-knisja, u t-tkomplija tar-restawr tal-gandlieri ta' kuljum. Inħalli f'idejn il-ġenerożità tagħkom. Fuq noticeboard apposta diġà hemm l-ewwel offerti.
9. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 95 bħala ġabra tal-Quddies tal-Ħadd li għadda;
   - € 437.50 bħala donazzjonijiet mill-envelopes b'risq il-Festa u l-Karità;
   - € 105 bħala donazzjoni b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Qabel toħorġu, ħallu d-donazzjoni tagħkom ġol-qfief fejn is-**Sanitizing Points**. Grazzi.